SAN LAWRENZ

Minuti tal-wieħed u sittin (61) laqgħa tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Laqgħa b'urġenza li nżammet nhar l-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2015 fil-2:30 pm.

Preżenti għal laqgħa:
Is-Sur Anthony Cassar Sindku
Is-Sna. Micheline Mercieca Vici Sindku
Is-Sur Joseph Sultana Kunsillier
Is-Sur John Mercieca Kunsillier
Is-Sna. Luiga Grima Kunsillier

Is-Sur Ian Paul Bajada Seg. Eżekuttiv

Skużati
Is-Sna Renee Formosa Ambaxxatriċi

1. Talba

1.1 Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

2. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

2.1 Is-Sindku qara l-ittra li rċieva nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fejn ta' r-riżenja tiegħu minħabba posizzjoni ġdida li ser jieħu. Il-kunsilliera ddiskutew din il-materja u peress li s-Segretarju ntalab sabiex jibda fil-posizzjoni ġdida nhar is-6 t' April 2015, jeħtieġ li jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv sakemm jinħatar xi ħadd ġdid.

2.2 Is-segretarju informa li diġa ħarġet is-sejħa għall-segretarju eżekuttiv ġdid li tagħlaq it-Tnejn 13 t' April 2015. Huwa rringrazzja lis-Sindku u kunsilliera kollha tal-kollaborazzjoni li dejjem sab anke jekk it-terminu kien qasir.

3. Ftuħ ta' tender għall-assistent tad-Dwejra Interpretation Center

3.1 Infetħet il-kaxxa tat-tender fejn kien hemm tender waħda. Imtliet il-lista tat-tender u ġiet imwaħħla fin-notice board. Il-kunsill qabel li għandu jinħatar board. Ġew nominati Dr Joshua Grech (Chairperson), Joseph Cini u Saviour Grech membri, Ian Paul Bajada bħala segretarju.

SAN LAWRENZ

3.2 Is-segretarju nforma li ħadd ma tefa' t-tender dwar installazzjoni ta' free standing stainless installation fil-Pjazza San Lawrenz. Kulħadd qabel li din it-tender għandha terġa tiġi pubblikata.

3.3 Il-laqgħa ntemmet fit-3.15 pm.

Anthony Cassar
Sindku

Ian Paul Bajada
Seg. Eżekuttiv